# B'apprezzament lis-Surmast Anthony Borg

## f'għeluq l-Għoxrin Anniversarju bħala Surmast Direttur

Kien eżattament għoxrin sena ilu, f'Settembru ta' l-1997, li s-Surmast Anthony Borg ħa d-direzzjoni mużikali tal-Għaqda Mużikali Imperial. Dan wara li fl-1988 kien ġie maħtur bħala Assistent Surmast Direttur tal-Banda Imperial u f'Settembru ta' sena wara dderieġa għall-ewwel darba l-Banda fil-pubbliku waqt il-programm annwali li l-Għaqda Mużikali Imperial ittella' fi żmien il-Festa. Minn dak iż-żmien, is-Surmast Borg qatt ma ħares lura. Baqa' attiv għal dawn is-snin kollha fit-tagħlim tal-mużika lill-aljievi tal-Għaqda Mużikali Imperial u rawwem f'ħafna tfal, żgħażagħ, adoloxxenti u adulti l-imħabba għall-mużika u għat-tagħlim serju tagħha.

Taħt il-bakketta tiegħu l-Banda Imperial kompliet tissaħħaħ u għaddiet minn żviluppi kbar. Kien prinċipalment b'inizjattiva tiegħu illi fl-1998 ġie mwaqqaf il-Kor Imperial biex jieħu sehem waqt attivitajiet organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial.

Huwa kien strumentali biex il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu diversi programmi ta' livell għoli, kemm fuq bażi nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Ewlenin fosthom huma ż-żewġ żjarat ġewwa l-Ġermanja fl-1999 u fl-2004, iż-żewġ mawriet kulturali ġewwa l-Italja fl-2007 u fl-2015, u l-programm mużikali fil-bitħa tal-Palazz Presidenzjali ġewwa l-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-erbgħin sena ta' Malta Repubblika. Id-dedikazzjoni, l-impenn sħiħ, is-serjetà u l-professjonalità li dejjem wera s-Surmast Borg huma ta' eżempju tajjeb għal kull min huwa nvolut fil-qasam mużikali.

Il-President, il-Kumitat, il-bandisti u l-membri tal-Kor jingħaqdu biex b'leħen wieħed jirringrazzjaw lis-Surmast Borg għall-ħidma fejjieda tiegħu tul dan iż-żmien kollu u jawgurawlu ħafna iktar snin ta' xogħol b'risq l-Għaqda Mużikali Imperial.

Ad Multos Annos Maestro!

